MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Awwissu, 2011

Numru. 887/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Ian Douglas ta' 33 sena iben Alistair John u Carmen Mary Dolores Tabone, imwieled l-Imtarfa nhar is-27 ta' Ottubru 1977 u li joqghod fil-fond Nr. 20, Triq Gorg Borg Olivier, Mellieha, Detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 544477(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda u cioe::

1. Nhar il-25 ta' Lulju 2011 ghall-habta tas-6.30 ta' filghaxija gewwa l-lokalita` tal-Hamrun, ikkommetta serq

ta’ gojjelli ghad-dannu ta’ Mary Luisa Gafa liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li huwa ta’ aktar minn mitejn tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37);

2. u aktar talli nhar it-28 ta’ Lulju 2011 ghall-habta tas-6.00 ta’ filghaxija gewwa l-lokalita` ta’ Santa Venera, ikkommetta serq ta’ gojjelli ghad-dannu ta’ Anna Farrugia liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li huwa ta’ aktar minn mitejn tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37);

3. u aktar talli nhar l-01 ta’ Awissu 2011 bil-hsieb li jaghmel reat ta’ serq semplicita’ gojjelli ghad-dannu ta’ Rose McCormick, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u li kieku sehh kien ikun serq li l-valur tieghu jiskorri tlieta w ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29);

4. talli fl-istss zminijiet u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indhal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jirtira r-raba’ akkuza;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, izda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba akkuza peress li din giet irtirata;

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, l-fedina penal kwazi nadifa tieghu u l-fatt illi l-imputat kien ghaddej minn perjodu ta’ diffikulta f’hajtu u kkopera mal-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c), 267, 269(a), 18, 41(1)(a) ) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba akkuza u tikkundannah ghall-perjodu ta’ sena prigunerija li b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dan il-perjodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------